

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Valeria Converso (San Giorgio a Cremano, l-Italja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea "Pherla" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 319 785

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-7 ta' Frar 2023 fil-Każ R 268/2022-2

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata, innotifikata fil-25 ta' April 2023;
- tilqa' l-oppożizzjoni bin-numru B 3 139 093 fl-intier tagħha, u tiċħad l-applikazzjoni kkontestata fir-rigward tal-prodotti kkontestati li jaqgħu fil-klassi 5;
- sussidjarjament, tibgħat il-każ lura quddiem il-Bord tal-Appell għal eżami mill-ġdid;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tar-rikorrenti.

Motivi invokati

- Ksur tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 94(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill minħabba ksur tal-obbligu tal-konvenut li jimmotiva d-deċiżjonijiet tiegħu, obbligu previst ukoll fl-Artikolu 41(1) u (2)(c) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;
- Ksur tat-tieni sentenza tal-Artikolu 94(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill minħabba ksur tad-dritt għal smiġh tar-rikorrenti, dritt previst ukoll fl-Artikolu 41(1) u (2)(a) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;
- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill minħabba n-nuqqas ta' applikazzjoni u għalhekk il-ksur tiegħu.

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Lulju 2023 – AC Marca Brands vs EUIPO – Sanitix (Sanitix)

(Kawża T-358/23)

(2023/C 296/44)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: AC Marca Brands, SL (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: D. Pellisé Urquiza u J. C. Quero Navarro, lawyers)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Sanitix Ltd (Londra, ir-Renju Unit)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea Sanitix – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 294 902

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-3 ta' Mejju 2023 fil-Każ R 1954/2022-1

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO u/jew lil Sanitix għall-ispejjeż ta' dawn il-proċedimenti u tal-proċedimenti ta' oppożizzjoni u ta' appell quddiem l-EUIPO.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1) u (5) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ipprezentat fl-4 ta' Lulju 2023 – Société des produits Nestlé vs EUIPO – Amigüitos pets & life (THE ONLY ONE by alphaspirt wild and perfect)

(Kawża T-359/23)

(2023/C 296/45)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Société des produits Nestlé SA (Vevey, l-Isvizzera) (rappreżentanti: A. Jaeger-Lenz u C. Elkemann, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Amigüitos pets & life, SA (Lorca, Spanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea THE ONLY ONE by alphaspirt wild and perfect fil-kuluri abjad, aħmar u iswed – Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni Nru 15 385 719

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-30 ta' Marzu 2023 fil-Każ R 424/2020-2

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali u tordna lill-parti intervenjenti potenzjali (Amigüitos pets and life, SA) tbatl l-ispejjeż sostnuti quddiem l-EUIPO.